# ESLC Linji Gwida tal-Għodda għall-Ittestjar tal-Istudenti
# (MT)

# Kontenut

**1 INTRODUZZJONI......3**

**2 KIF JAGĦMLU T-TESTIJIET ......3**

*2.1 Aċċess għall-kompjuter......3*

*2.2 Prova tal-Awdjo għat-Test tas-Smigħ......5*

*2.3 Kif jagħmlu test......5*

**3 Informazzjoni fuq kif jinħadem it-Test ......7**

*3.1 Eżerċizzji tas-Smigħ......7*

*3.2 Eżerċizzji ta' Qari......11*

**ESLC Linji gwida ta' kif jagħmlu t-test l-istudenti (MT)**

# 1 INTRODUZZJONI

1. Dawn il-linji gwida huma mfassla biex jagħtuk informazzjoni kif tagħmel l-eżerċizzji tal-lingwa fil-European Survey on Language Competencies (ESLC) permezz tal-għodda għall-ittestjar bil-kompjuter. Dawn il-linji gwida mhumiex intenzjonati bħala materjal għall-prattika u mhumiex intenzjonati bħala indikazzjoni tal-livell tal-materjal li se tara fis-servej.

2. Dawn il-linji gwida għandhom jiġu użati flimkien mal-għodda ta' eżempji għall-istudenti u li tista' tigi mniżżla mis-sit elettroniku tas-SurveyLang minn [http://www.surveylang.org](http://www.surveylang.org).

3. L-għodda tal-ittestjar bl-użu tal-kompjuter se tintuża għat-testijiet tal-Qari u tas-Smigħ, kif ukoll għall-kwestjonarju tal-istudenti. It-test tal-Kitba se jsir fuq karta aktar milli bl-għodda tal-ittestjar fil-kompjuter. Hemm sitt tipi ta' eżerċizzji differenti fit-test tal-Qari u ħames tipi ta' eżerċizzji differenti fit-test tas-Smigħ. Eżempji ta' dawn it-tipi ta' eżerċizzji kollha jinsabu fis-sit tas-SurveyLang fejn hemm eżempji ta' kif titħaddem is-sistema. Istruzzjonijiet ta' kif isiru l-eżerċizzji jinsabu f'din il-Gwida.

# 2 KIF JAGĦMLU T-TESTIJIET

## 2.1 Aċċess fil-kompjuter

4. Biex tibda t-test trid tittajpja l-*password* li se tingħatalek minn min qed imexxi t-test. Meta tagħmel dan, ikklikkja 'IBGĦAT'.

**Figura 1. Skrin tal-aċċess**




5. Biex tħaddem l-eżempji tal-għodda għall-istudenti fuq is-sit elettroniku uża l-*password* li ġejja u kklikkja 'IBGĦAT': 9999

6. Wara li jkun irnexxielek tidħol fis-sit, se tara *screen* b'ismek (jew ID), l-isem tal-iskola tiegħek u isem pajjiżek fuq nett. Jekk jogħġbok iċċekkja li dawn huma korretti. Jekk le, informa mill-ewwel lil min qed imexxi t-test.

7. Taħt din l-informazzjoni, se ssib buttuni għat-test(ijiet) li se tagħmel bl-għodda tal-ittestjar bil-kompjuter. Peress li kull student se jiġi ttestjat fuq tnejn biss mit-tliet abilitajiet (Qari, Smigħ u Kitba), in-numru ta' buttuni se jvarjaw minn student għal student u jiddependu mit-taħlita ta' testijiet li jkunu ngħataw lilek.

8. Għal student li se jieħu kemm it-test tas-Smigħ kif ukoll it-test tal-Qari, l-iskrin se jkun jidher hekk:

**Figura 2. L-iskrin wara li jkun irnexxielek tiftaħ il-programm**




9. Innota li l-buttuni qegħdin wara xulxin mix-xellug għal-lemin fl-ordni li se jintużaw. Fl-eżempju ta' hawn fuq, l-ewwel isir it-test tas-Smigħ, imbagħad it-test fil-Qari u wara l-kwestjonarju tal-istudent. Jekk buttuna tkun griża, ma tistax tigi miftuħa f'dan l-istadju. Jekk buttuna tkun ħadra, tfisser li f'dak il-ħin tkun attiva. Fl-eżempju ta' hawn fuq, il-prova tal-Awdjo hi attiva.

10. Il-buttuna tal-'Iċċekkjar tal-awdjo' tintuża biex tittestja u tvarja l-volum tal-awdjo. Dan irid isir dejjem qabel jibda t-test fis-Smigħ.

11. Uża l-buttuni "Test bis-smigħ", "Test tal-qari" u "Kwistjonarju" biex tibda taħdem it-taqsimiet. Nota: Ħu ħsieb li ma tagħfasx il-buttuni tat-testijiet tas-Smigh jew tal-Qari qabel ma jgħidlek min qed imexxi t-test. Jekk tikklikkja dawn il-buttuni, jibda t-test u jibda jimmarka l-ħin.

12. Wara li tkun lestejt minn kull test, terġa' lura għall-iskrin muri hawn fuq fil-Figura 2. Il-kulur tal-buttuna tat-test li jmiss jinbidel minn griż għal aħdar. Dan tfisser li inti tkun tista tibda dan t-test.

## 2.2 Prova tal-Awdjo għat-test tas-Smigħ

13. Ilbes il-'headphones'. Imbagħad ikklikkja il-buttuna tal-' Iċċekkjar tal-awdjo' li tiftaħlek skrin fejn tista' tiċċekkja li l-awdjo tal-kompjuter qed jaħdem u li l-volum ma jkunx għoli ħafna u lanqas baxx ħafna. Ikklikkja 'DOQQ' biex tisma' biċċa mis-silta. Isma' u sib l-aħjar volum permezz tas-*slider* tal-volum. Meta tkun tista' tisma' s-silta ċara, ikklikkja 'KOMPLI'. Jekk ma tista' tisma' xejn, għid lil min qed imexxi t-test.

**Figura 3. Prova tal-Awdjo**




14. Innota li tista' tvarja il-volum waqt li tkun qed tagħmel it-test tas-Smigħ.

## 2.3 Bidu tat-test

15. Meta tibda t-test tas-Smigħ jew tal-Qari jew il-Kwestjonarju, se tara skrin bħal ma jidher hawn taħt.

**Figura 4. L-iskrin għat-test**



16. Il-parti t'isfel tal-iskrin turi n-numru ta' eżerċizzji fit-test li tkun qed tagħmel. L-eżerċizzji huma murija fit-'Task display area' waħda waħda. Nota: It-tipi ta' eżerċizzji differenti huma spjegati aktar 'il quddiem f'din il-Gwida. F'din l-ewwel parti qed inħarsu lejn partijiet tal-iskrin tat-test.

17. Il-kaxxa 'Rubric' fir-rokna ta' fuq tax-xellug tipprovdi istruzzjonijiet dwar kif wieħed għandu jirrispondi eżerċizzju. Dejjem aqra dawn l-istruzzjonijiet qabel ma tkompli taħdem.

18. Il-buttuna 'Time left' fin-naħa tal-lemin tal-iskrin turik kemm ikun baqa' ħin sa tmiem it-test li tkun qed tagħmel. Għall-ewwel il-ħin muri jkun f'minuti; meta jkun baqa' minuta biss, din tibda turi kemm għad baqa' sekondi. L-arloġġ tat-test se jurik meta jkun għad baqa' 10 minuti u 5 minuti. Innota li t-test tal-Qari huwa twil eżattament 30 minuta. It-test tas-Smigħ huwa bejn wieħed u ieħor 30 minuta twil però jiddependi fuq kemm huwa twil ir-rekording. Meta l-arloġġ jieqaf f'0 sekondi, ikollok 30 sekonda oħra biex tlesti t-test qabel l-iskrin tat-test jagħlaq waħdu.

19. In-'navigation bar' fil-parti t'isfel tal-iskrin turik fejn wasalt fit-test u liema eżerċizzji u mistoqsijiet diġà lestejt. Għal kull mistoqsija fit-test li tkun qed tagħmel hemm kaxxa b'numru. Waqt li tkun qed tirrispondi mistoqsija din ikollha kaxxa ħamra madwarha, per eżempju numru 7 ġo Figura 4. Il-kulur blu juri li dik il-mistoqsija diġà tkun inħadmet. Il-kulur griż jindika li dik il-mistoqsija għadha trid tinħadem.

20. Tista' tuża n-'navigation bar' biex timxi 'l quddiem jew tmur lura fit-test. Meta tikklikkja kaxxa b'numru ġo fiha, fuq l-iskrin tidher dik il-mistoqsija li tikkorrispondi man-numru fil-kaxxa. Imbagħad tkun tista' tirrispondi dik il-mistoqsija. Jekk trid, tista' wkoll tbiddel it-tweġiba li tkun diġà tajt fil-mistoqsijiet li ħdimt. Tista' tagħmel dan xħin trid sakemm ma jkunx skada l-ħin u jagħlaq l-iskrin tat-test.

21. Meta tibda test, il-kaxex bin-numri fihom ikunu kkuluriti griżi u jindikalek biex tibda taħdem l-ewwel mistoqsija tal-ewwel eżerċizzju. Nagħtuk parir li taħdem it-test b'mod ordnat mix-xellug għal-lemin fuq in-'navigation bar'. Tista' tagħmel dan billi tikklikkja fuq il-buttuna 'Next Question'  fil-part t'isfel tal-iskrin fuq il-lemin jew billi tikklikkja fuq il-kaxex innumerati ta' taħt.

22. Huwa importanti, speċjalment għat-test tas-Smigħ, li taħdem it-test fl-ordni indikat minħabba li l-mistoqsijiet tal-'audio track' huma ppreżentati wara xulxin skont in-numru tagħhom.

23. It-testijiet kollha tas-Smigħ se jinstemgħu darbtejn. Se jingħata ħin biex taqra l-mistoqsijiet u se jkollok ħin ukoll biex tiċċekkja r-risposti tiegħek wara kull eżerċizzju.

# 3 Informazzjoni fuq l-eżerċizzju tat-Test

## 3.1 Eżerċizzji tas-Smigħ

**24.** Din il-parti se tagħtik informazzjoni fuq kif għandek tirrispondi t-tipi ta' eżerċizzji li se jkollok fit-test tas-Smigħ fl-eżempji mogħtija fil-kompjuter bħala għodda għall-istudenti.

**Eżerċizzju tas-Smigħ 1**

F'dan l-eżerċizzju se tisma' nies jitkellmu f'ħames sitwazzjonijiet differenti. Kull sitwazzjoni se tiġi rrepetuta qabel ma tinstema' ta' warajha. Għal kull eżerċizzju, hemm mistoqsija u sett stampi fuq l-iskrin. Se tisma' wkoll il-mistoqsija u se jkollok ħin tħares lejn l-istampi. Għal kull mistoqsija, agħżel it-tweġiba t-tajba (A,B jew Ċ) billi tikklikkja fuq il-buttuna maġenb it-tweġiba. Innota li tista' tibdel ir-risposta billi tikklikkja fuq buttuna oħra. Meta tkun lestejt, mur għall-mistoqsija li jmiss billi tikklikkja fuq il-buttuna 'Next Question' jew in-numru li jmiss fuq in-'navigation bar'.



**Eżerċizzju tas-Smigħ 2**

F’dan l-eżerċizzju se tisma’ nies jitkellmu f’ħames sitwazzjonijiet differenti. Kull sitwazzjoni se tiġi rrepetuta qabel ma tmur għal ta’ warajha. Għal kull sitwazzjoni, hemm sentenza li tagħtik informazzjoni dwar is-sitwazzjoni, mistoqsija u sett ta’ għażliet miktubin. Se tisma’ wkoll is-sitwazzjoni u l-mistoqsija u jkollok ħin taqra l-għażliet possibbli. Għal kull mistoqsija, agħżel ir-risposta korretta (A,B jew Ċ) billi tikklikkja fuq il-buttuna ħdejn ir-risposta. Meta tiġi magħżula risposta, il-kulur tal-buttuna jinbidel kif muri hawn taħt. Innota li tista’ tbiddel ir-risposta billi tikklikkja fuq buttuna oħra. Meta tkun lestejt, mur fuq il-mistoqsija li jmiss billi tikklikkja fuq il-buttuna ‘Next question’ jew in-numru li jmiss fuq in-‘navigation bar’.



**Eżerċizzju tas-Smigħ 3**

F'dan l-eżerċizzju se tisma' persuna waħda jew iktar jitkellmu. Is-silta tas-smigħ se tinstema' darbtejn. Hemm numru ta' mistoqsijiet dwar dak li tkun qed tisma'. Għal kull mistoqsija, agħżel ir-risposta korretta (A,B jew Ċ) billi tikklikkja fuq il-buttuna ħdejn ir-risposta. Meta tiġi magħżula risposta, il-kulur tal-buttuna jinbidel kif muri hawn taħt. Innota li tista' tbiddel ir-risposta billi tikklikkja fuq buttuna oħra. Il-mistoqsijiet kollha huma kollha fuq l-istess skrin, għalkemm tajjeb li tinnota li se jkollok tuża l-iskroll bar biex tara l-mistoqsijiet kollha. Għal kull mistoqsija, agħżel ir-risposta korretta (A,B jew Ċ) imbagħad mur fuq il-mistoqsija li jmiss.




**Eżerċizzju tas-Smigħ 4**

F’dan l-eżerċizzju se tisma’ żewġ persuni jitkellmu. Is-silta tas-smigħ se tinstema’ darbtejn. Hemm numru ta’ dikjarazzjonijiet dwar dak li tkun qed tisma’. Għal kull mistoqsija, iddeċiedi jekk id-dikjarazzjoni hijiex Veru jew Falz. Per eżempju, jekk taħseb li r-risposta għall-mistoqsija 9 hi Falz, ikklikkja fuq il-buttuna Le0. Jekk taħseb li r-risposta għal mistoqsija 9 hi Veru, ikklikkja fuq il-buttuna Iva. Imbagħad, mur għall-mistoqsija li jmiss. Il-mistoqsijiet kollha huma fuq l-istess skrin.




**Eżerċizzji tas-Smigħ 5**

F'dan l-eżerċizzju se tisma' żewġ persuni jitkellmu. Huma se jitkellmu dwar ħames persuni. Is-silta tas-smigħ se tinstema' darbtejn. Għal kull mistoqsija, qabbel il-persuni mal-istampa korretta (A-G). Hemm żewġ stampi żejda li ma jaqblu ma' ħadd. Għal dan l-eżerċizzju tużax ittra għal aktar minn darba. Biex tqabbel il-persuni mal-istampa korretta (A-G) mexxi l-istampa mill-frejm fuq il-lemin u poġġieha fil-kaxxa ħdejn l-isem tal-persuna li trid tqabbel l-istampa magħha. Ikklikkja fuq l-istampa u żomm il-buttuna tal-maws tal-kompjuter 'l isfel waqt li tkarkar l-istampa għall-pożizzjoni ġdida tagħha. Erħi l-buttuna tal-maws meta l-istampa tkun fuq il-kaxxa. Jekk trid tbiddel ir-risposta tista' tkarkar l-istampa mill-kaxxa tagħha fuq ix-xellug lura għall-frejm fuq il-lemin. Tista' wkoll tmexxi stampa minn kaxxa għal kaxxa oħra. Kun ċert li l-kaxex kollha għandhom stampa qabel ma tibda l-eżerċizzji li jmiss.




## 3.2 Eżerċizzji ta' Qari

### Eżerċizzji tal-Qari 1

F’dan l-eżerċizzji, inti se taqra silta u tirrispondi xi mistoqsijiet fuqha. Trid tagħżel ir-risposta korretta għal kull mistoqsija minn sett ta’ stampi. L-għażliet huma differenti għal kull mistoqsija. Għal kull mistoqsija, agħżel ir-risposta korretta (A, B jew Ċ) billi tikklikkja l-buttuna ħdejn l-istampa. Innota li tista’ tbiddel ir-risposta tiegħek billi tikklikkja buttuna oħra. Meta tkun lestejt, mur fuq il-mistoqsija li jmiss billi tikklikkja fuq il-buttuna ‘Next question’ jew in-numru li jmiss fuq in-‘navigation bar’.

You will read an email about plans for a party.
For the next 4 questions, answer A, B or C.

Ħruġ

Ħin li baqa': **30 minuti**

**From:** Daniella
**To:** Everyone
**Subject:** party

Hi everyone!

I’m having a party for my birthday on Saturday. The party will be at my house and will begin at 11am.

We are going to have a barbecue for lunch and my dad is going to do the cooking. We have already bought all the food and drink. Please bring a swimming costume so you can swim in the pool before lunch.

After lunch we’re going to have a volleyball competition. I’ve got some great prizes for the winners!

In the evening my brother will play his guitar and we can all sing our favourite songs.

love Daniella

2

The guests need to take

A 

B 

C 

| 1 | | | | 2 | | | | 3 | | | | | | 4 | | | | | 5 | | | | | | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26-31 |

»

**Eżerċizzju tal-Qari 2**

Għal dan l-eżerċizzju inti taqra silta u tirrispondi xi mistoqsijiet fuq is-silta. Trid tagħżel ir-risposta korretta għal kull mistoqsija minn sett ta' għażliet miktubin. Għal kull mistoqsija, agħżel ir-risposta korretta (A,B jew Ċ) billi tikklikkja fuq il-buttuna ħdejn ir-risposta. Meta tiġi magħżula risposta, il-kulur tal-buttuna jinbidel kif muri hawn taħt. Innota li tista tbiddel ir-risposta billi tikklikkja fuq buttuna oħra. Meta tkun lestejt, mur fuq il-mistoqsija li jmiss billi tikklikkja fuq il-buttuna 'Next question' jew in-numru li jmiss fuq in-'navigation bar'.



**Eżerċizzju tal-Qari 3**

Għal dan l-eżerċizzju inti taqra silta u tirrispondi xi mistoqsijiet fuq is-silta. Trid tagħżel ir-risposta korretta għal kull mistoqsija minn sett ta' għażliet miktubin. L-għażliet huma l-istess għal kull mistoqsija. Għal kull mistoqsija, agħżel ir-risposta korretta (A,B jew Ċ) billi tikklikkja fuq il-buttuna ħdejn ir-risposta. Meta tiġi magħżula risposta, il-kulur tal-buttuna jinbidel kif muri hawn taħt. Innota li tista' tbiddel ir-risposta billi tikklikkja fuq buttuna oħra. Meta tkun lestejt, mur fuq il-mistoqsija li jmiss billi tikklikkja fuq il-buttuna 'Next question' jew in-numru li jmiss fuq in-'navigation bar'. Innota li forsi jkollok tuża l-iskroll bar biex tara s-silta kollha.



You will read a magazine article about learning a new language.
For the next 6 questions, answer A, B or C.

Ħruġ

Ħin li baqa': **27 minuti**

**A new language**

*Three English people talk about how they learnt a new language.*

A Jon (Welsh)

My dad's a teacher and we moved to Wales two years ago. Everyone in the town we live in speaks Welsh as their first language, so I was keen to be able to have a conversation with them. I was worried about using the language-learning software because I'm not good at using a computer, but it uses pictures and sounds to help you. It's totally different from learning a language in a classroom.

B Sami (Chinese)

I went to China to teach English at a university near Shanghai. I couldn't speak a word when I arrived and wasn't planning to stay long, so thought I would manage. I also believed people would speak English but was surprised how little the people I met knew. Learning written Mandarin, the language spoken in most of China, is as hard as it looks. Speaking is a little bit easier and, once you start to make an effort, you learn words quite quickly.

C Daniel (Spanish)

I'm hoping to travel around South America when I leave college and so I decided I should really work hard at learning Spanish. I'd bought some books but found they weren't very good. Then I heard about some classes. I went along and found they were really relaxed with only three other students. I really liked the teacher - she was great. She would write short stories for us and we would learn new vocabulary and grammar.

9

Which person mentions getting on very well with his teacher?

A Jon (Welsh)
B Sami (Chinese)
C Daniel (Spanish)

1 2 3 4 5 6
1 2 3 4 | 5 6 7 8 | 9 10 11 12 13 14 | 15 16 17 18 19 | 20 21 22 23 24 25 | 26-31

**Eżerċizzju tal-Qari 4**

Għal kull mistoqsija f’dan l-eżerċizzju trid tqabbel waħda minn seba’ tabelli ma’ stampa tas-sitwazzjoni. L-istampi huma nnumerati 15-19. It-tabelli huma mmarkati A-G. Hemm żewġ tabelli żejda li ma jaqblu m’ebda stampa. Għal dan l-eżerċizzju tużax ittra iktar minn darba waħda. Għal kull mistoqsija, agħżel ir-risposta korretta (A-G) billi tikklikkja l-buttuna fuq ir-risposta. Meta tiġi magħżula risposta, il-kulur tal-buttuna jinbidel kif muri hawn taħt. Innota li tista’ tbiddel ir-risposta billi tikklikkja fuq buttuna oħra. Meta tkun lestejt, mur fuq il-mistoqsija li jmiss billi tikklikkja fuq il-buttuna ‘Next question’ jew in-numru li jmiss fuq in-‘navigation bar’. Hemm lista żgħira fir-rokna ta’ fuq, fuq il-lemin tal-iskrin. Din il-lista tgħidlek liema mit-tabelli (A-G) int diġà qabbilt ma’ stampa (15-19).



**Eżerċizzju tal-Qari 5**

Għal kull mistoqsija f'dan l-eżerċizzju, trid tqabbel waħda minn tmien tabelli ma' sentenza li tfisser l-istess ħaġa. Is-sentenzi huma nnumerati 20-25. It-tabelli huma nnumerati A-H. Hemm żewġ tabelli żejda li ma jaqblu mal-ebda sentenza. Għal din l-attività tużax ittra iktar minn darba waħda. Għal kull mistoqsija, agħżel ir-risposta korretta (A-H) billi tikklikkja l-buttuna fuq ir-risposta. Meta tagħżel it-tweġiba, il-kulur tal-buttuna jinbidel kif muri hawn taħt. Innota li tista' tbiddel ir-risposta billi tikklikkja fuq buttuna oħra. Meta tkun lestejt, mur fuq il-mistoqsija li jmiss billi tikklikkja fuq il-buttuna 'Next question' jew in-numru li jmiss fuq in-'navigation bar'. Hemm lista żgħira fir-rokna ta' fuq fuq il-lemin tal-iskrin. Din il-lista tgħidlek liema mit-tabelli (A-H) diġà gew imqabbla minnek ma' stampa (20-25).



**Eżerċizzju tal-Qari 6**

Għal dan l-eżerċizzju, sitt sentenzi ġew imneħħija mis-silta. Hemm seba' mistoqsijiet immarkati A-G fil-frejm fuq il-lemin. Hemm sentenza żejda li m'għandekx bżonn tużaha. Trid tqabbel is-sentenza korretta ma' kull spazju vojt. Din issir billi tmexxi s-sentenza mill-frejm fuq il-lemin u tpoġġiha fl-ispazju vojt fejn taħseb li għandha tmur. Ikklikkja fuq is-sentenza u żomm il-buttuna tal-maws magħfusa sakemm tkarkar is-sentenza fil-post il-ġdid tagħha. Erħi l-buttuna tal-maws meta s-sentenza tkun f'postha fuq l-ispazju vojt. Jekk trid tbiddel ir-risposta tista' tmexxi s-sentenza mill-pożizzjoni fis-silta lura fil-frejm fuq il-lemin. Tista' wkoll tkarkar is-sentenza minn pożizzjoni fis-silta għal oħra. Kun ċert li l-ispazji vojta kollha għandhom sentenza fihom qabel ma tibda l-eżerċizzji l-oħra.


You will read an article about a theatre critic.
Six sentences have been removed from the text below. Read the text and choose the sentence (A-G) which fits each gap. There is one extra sentence which you do not need to use.

Ħruġ

Ħin li baqa': **29 minuti**

**Mrs Hart – amateur theatre critic**

Elisabeth Hart went to the theatre fifty-five times last year, and wrote pages of notes on each visit. However, she's not a professional theatre critic. She's an ordinary member of the public on the judging panel of this year's National Theatre Awards.

Mrs Hart was one of four theatre-lovers chosen to judge all new drama productions last year. Her appointment was therefore something of a dream come true. Mrs Hart thinks it a good system. 'It's important to have amateurs taking part in the decisions,' she says. 'It stops the awards appearing to have been fixed like some others. And if a play wins an award, the public knows that it's been approved by people with no axe to grind.'

Mrs Hart's extremely enthusiastic about the theatre. 'The year before last I went to over thirty plays,' she says. .......... It began with an application form left on a foyer shelf by the Theatre Society, which organises the awards. She filled it in, added a sample review, and was selected from several hundred applicants.

'They were looking for people with a wide taste in theatre,' she explains. 'I always enjoyed acting in plays when I was young, and I regularly bought cheap standing tickets for productions.' Being a judge was hard work, though. .......... 'But I never got sick of it. Even the plays I didn't like always had some redeeming qualities.'

She could never sit back and relax, though, because she had to make notes on everything. .......... 'It wasn't just the actors we were judging, but also costume design, direction, lighting and script – twelve categories in all. But I still enjoyed it. It felt like an enormous privilege.'

.......... 'That didn't happen at all. It was all very civilised and friendly,' says Mrs Hart. 'We were listened to and our votes were all equal. I wasn't treated differently at all.'

.......... 'It's bursting with talent on all fronts, from playwriting to direction, and there are plenty of innovative productions.'

A Having to take this approach meant that she couldn't let her concentration slip at any time.

B In this situation there's surely a danger of the professional critics dominating the discussions.

C Regular theatre-goers usually disagree with some of their judgements, of course, and Mrs Hart's no exception.

D They were part of a panel that also included five professional theatre critics.

E Her appointment was therefore something of a dream come true.

F The experience has left Mrs Hart optimistic about the theatre's future.

G In one week alone, her duties involved her reviewing as many as seven plays.

1 2 3 4 | 5 6 7 8 | 9 10 11 12 13 14 | 15 16 17 18 19 | 20 21 22 23 24 25 | 26-31